*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,836, 24 ta' April, 1981*

***Taqsima A***

# MALTA

## ATT Nru. XII ta' l-1981

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali.**

## ACT No. XII of 1981

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT further to amend the National Insurance Act, 1956.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ANTON BUTTIGIEG
President

24 ta' April, 1981

# ATT Nru. XII ta' l-1981

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

**Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.**

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1981 li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-Att għandu jkollhom effett kif ġej:

(a) l-artikoli 2, mill-10 sat-13, 14 (barra mill-paragrafu (a) tiegħu), 15, 16, 19, mill-24 sat-33, mis-36 sad-39 u 41 mit-3 ta' Jannar, 1981;

(b) l-artikoli mit-3 sas-6, 8, 9, 18, 20, 21, 23, 34, 35 u 40 mill-5 ta' Jannar, 1981.

**Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.**

**2.** L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-paragrafu (b) tat-tifsira ta' "dħul pensjonabbli" u minflok iż-żewġ provisos li hemm għall-imsemmija tifsira, għandu jidħol dan li ġej:

"(b) fil-każ ta' persuna li għandha titqies bħala persuna li timpjega lilha nnifisha, il-medja fis-sena tad-dħul nett tagħha matul l-aħħar għaxar snin kalendarji ta' qabel l-irtir tagħha; dak id-dħul nett jittieħed —

(i) dwar kull perijodu sal-31 ta' Diċembru, 1978 —

(a) li matulu kellha tħallas kontribuzzjoni tat-tieni klassi jew tat-tielet klassi, bħala d-dħul nett li fuqu kellha titħallas dik il-kontribuzzjoni; u

(b) li matulu kellha tħallas kontribuzzjoni ta' l-ewwel klassi, bħala l-paga jew is-salarju li fuqu kellha titħallas dik il-kontribuzzjoni;

u għall-finijiet ta' dan is-sub-paragrafu, l-ammont li għandu jittieħed bħala d-dħul nett għal kull sena ma għandux ikun iżjed mill-ammont aċċettat mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni għall-finijiet ta' l-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, bħala d-dħul nett għal dik is-sena; **u għal** kull sena kalendarja kompleta li matulha dik il-persuna kienet taħdem bi qliegħ wara li għalqet il-wieħed u ħamsin sena, id-dħul nett għal dik is-sena għandu jiżdied biż-żidiet fil-pagi applikabbli li bil-liġi għandhom jingħataw b'mod ġenerali dwar kull sena susseġwenti sad-data ta' l-irtir; u

(ii) dwar kull perijodu wara l-31 ta' Diċembru, 1978 —

(a) li matulu kellha tħallas kontribuzzjoni tat-tieni klassi, bħala l-ammont li, kalkolat fuq il-bażi tal-figura li tidher fiż-żmien ta' l-irtir tagħha taħt it-Tielet Kolonna tal-Parti II tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att relattivament għall-kategorija ta' kontribuzzjoni li titħallas minnha, tirrappreżenta d-dħul pensjonabbli għall-perijodu li matulu kellha titħallas dik il-kategorija ta' kontribuzzjoni, u għall-finijiet ta' din il-partita —

(i) kontribuzzjoni mħallsa dwar is-sena 1979 bir-rata baxxa mit-tnejn applikabbli matul dik is-sena għandha titqies li hi kontribuzzjoni tal-kategorija SA;

(ii) kontribuzzjoni mħallsa dwar is-sena 1979 bir-rata ogħla mit-tnejn f'dak iż-żmien applikabbli għandha titqies li hi kontribuzzjoni tal-kategorija SB, u

(iii) kontribuzzjoni mħallsa dwar is-sena 1980 bil-kategorija tar-Rata Sħiħa għandha titqies li hi kontribuzzjoni tal-kategorija SE; u

(b) li matulu kellha tħallas kontribuzzjoni ta' l-ewwel klassi, bħala l-paga jew salarju li fuqu kellha titħallas dik il-kontribuzzjoni, miżjud biż-żidiet fil-pagi applikabbli li bil-liġi għandhom jingħataw b'mod ġenerali dwar kull sena susseġwenti sad-data ta' l-irtir:

Iżda l-ammont li għandu jittieħed bħala d-dħul nett għall-finijiet tal-partita (a) tas-sub-paragrafu (i) u tal-partita (a) tas-sub-paragrafu (ii) tal-paragrafu (b) ta' din it-tifsira, dwar xi sena (jew parti minnha) li taħbat matul xi perijodu li għalih jirreferu l-imsemmija sub-paragrafi li matulha persuna li timpjega lilha nnifisha kellha tħallas kontribuzzjoni tat-tieni klassi jew tat-tielet klassi, għandu jiġi multiplikat bil-proporzjon li n-numru totali ta' kontribuzzjonijiet tat-tieni klassi jew tat-tielet klassi mħallsa jew akkreditati dwar dik is-sena għandu għan-numru totali ta' dawk il-kontribuzzjonijiet dovuti għal dik is-sena, u r-riżultat ta' dik il-multiplikazzjoni jkun id-dħul nett tagħha għal dik is-sena jew għal dik il-parti minnha skond il-każ:

Iżda wkoll id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta' din it-tifsira għandhom japplikaw għal kull persuna li tirtira wara l-11 ta' Jannar, 1982, u fil-każ ta' persuna li tirtira qabel l-imsemmija data għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta' din it-tifsira kif kienu fit-2 ta' Jannar, 1981:

Iżda wkoll id-dħul pensjonabbli jew kull ammont li jissostitwih skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (11) ta' l-artikolu 17 u tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 96 ta' dan l-Att, m'għandux ikun iżjed minn dak l-ammont li l-Ministru jista' jistabbilixxi minn żmien għal żmien, bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, b'ordni fil-Gazzetta;

u sabiex jistabbilixxi d-dħul nett ta' persuna, id-Direttur jista' jitlobha tipproduċilu l-prospetti u l-likwidazzjonijiet tat-taxxa fuq l-*income* tagħha:"; u

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok l-ewwel proviso għat-tifsira ta' "rtir" għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda dwar persuna 'l fuq mill-età ta' pensjoni li hi skwalifikata milli tirċievi pensjoni taħt is-subartikolu (1A) ta' l-artikolu 17 jew is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 90 ta' dan l-Att, irtir tfisser id-data li fiha ma tibqax hekk skwalifikata jew li fiha tilħaq l-età ta' 65 sena, skond liema minnhom jiġri l-ewwel:"; u

(ċ) minflok il-proviso għas-subartikolu (4) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda persuna li, skond dan is-subartikolu għandha titqies bħala persuna li timpjega lilha nnifisha għandha, jekk ikun għall-vantaġġ tagħha, titqies bħala persuna mpjegata jekk minnufih qabel ma tilħaq l-età ta' 51 sena kienet persuna mpjegata għal mhux inqas minn għoxrin sena u tkun baqgħet hekk impjegata għal xi perijodu wara l-età ta' 51 sena, u ma tkunx wara ħadmet bi qliegħ bħala persuna li timpjega lilha nnifisha.".

Emenda ta' l-artikolu 4A ta' l-Att prinċipali.

3. L-artikolu 4A ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (d) tiegħu l-kliem "pensjoni għal invalidità," għandhom jitħassru;

(b) fil-paragrafu (ġ) tiegħu, minflok il-kliem "skond liema minnhom ikun applikabbli." għandhom jidħlu l-kliem "skond liema minnhom ikun applikabbli: jew"; u

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (ġ) tiegħu għandhom jidħlu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(h) li tkun qed tirċievi, jew kienet tirċievi, kieku ma kenux id-disposizzjonijiet tas-sub-paragrafu (i) tal-paragrafu (a) tal-proviso għas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 16A ta' dan l-Att, pensjoni għal invalidità; jew

(i) persuna li twieldet qabel l-1 ta' Jannar, 1927, u li, qabel l-1 ta' April, 1978, ma kienetx obbligata tħallas kontribuzzjoni taħt dan l-Att, u li f'ebda żmien wara l-imsemmi l-1 ta' April, 1978, ma kienet taħdem bi qliegħ.".

4. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "fit-tieni kolonna ta' dik il-Parti" għandhom jidħlu l-kliem "fit-tielet kolonna ta' dik il-Parti".

Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

5. L-artikolu 5A ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 5A ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok l-ewwel proviso għas-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda meta persuna li timpjega lilha nnifisha tissodisfa lid-Direttur li —

(a) ma tkunx qed taħdem bi qliegħ jew, għalkemm tkun qed taħdem bi qliegħ il-qliegħ tagħha ma jkunx iżjed minn £250 fis-sena, u

(b) il-mezzi tagħha fis-sena, kalkolati skond id-disposizzjonijiet tat-Tmien Skeda li tinsab ma' dan l-Att ma jkunux iżjed minn £630 fil-każ ta' raġel miżżewweġ li jkun imantni għal kollox lil martu jew £430 fil-każ ta' kull persuna oħra,

ikollha jedd, meta tagħmel applikazzjoni lid-Direttur, li tirċievi ċertifikat ta' dħul baxx li jkun validu għal tnax-il xahar u, fil-waqt li jkollha dak iċ-ċertifikat u sakemm ma jkunx hemm tibdil rilevanti fiċ-ċirkostanzi, din ma tkunx obbligata tħallas l-imsemmija kontribuzzjoni:";

(b) minflok is-subartikolu (3) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, ir-rata fil-ġimgħa ta' kontribuzzjonijiet tat-tieni klassi li għandhom jitħallsu skond dan l-artikolu minn persuna assigurata ta' xi waħda mill-kategoriji murija fl-ewwel kolonna tal-Parti II tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att tkun ir-rata murija għal dik il-kategorija fit-tieni kolonna ta' dik il-Parti:

Iżda l-ħlas tal-kontribuzzjoni bir-rata ta' xi waħda mill-kategoriji barra dik imniżżla fl-aħħar murija fl-ewwel kolonna ta' l-imsemmija Parti II għandu jsir biss minn persuna assigurata jekk din hekk tagħżel u jekk tipprova għas-sodisfazzjon tad-Direttur li d-dħul nett totali tagħha ma jkunx iżjed mill-figura li tidher fit-tielet kolonna ta' l-imsemmija Parti II relattivament għall-kategorija applikabbli:

Iżda wkoll għall-finijiet ta' dan l-Att, meta persuna tkun talbet u tkun ingħatat permess li tħallas kontribuzzjoni tal-klassi bir-rata ta' xi waħda mill-kategoriji barra dik imniżżla l-aħħar murija fl-ewwel kolonna ta' l-imsemmija Parti II din ma tkunx tista', ħlief kif provdut fil-paragrafi (a) u (b) ta' dan il-proviso, tibdel il-kategorija tagħha: hekk iżda li —

(a) b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1983 u f'intervalli ta' mhux inqas minn sentejn wara dik id-data, din il-persuna tista' fuq talba tibdel il-kategorija tagħha għall-kategorija li jkun imiss li jkollha rata ta' kontribuzzjoni ogħla kif muri fit-tieni kolonna ta' l-imsemmija Parti II, jekk tissodisfa lid-Direttur li d-dħul nett tagħha ma jkunx inqas mill-figura li tkun tidher taħt it-tielet kolonna ta' l-imsemmija Parti II relattivament għall-kategorija li għaliha tirriferi t-talba; u

(b) f'kull żmien, din il-persuna tista' fuq talba tagħha tibdel il-kategorija tagħha għal kull kategorija oħra li dwarha tidher rata ta' kontribuzzjoni aktar baxxa murija fit-tieni kolonna ta' l-imsemmija Parti II, jekk tissodisfa lid-Direttur li d-dħul nett tagħha ma jkunx iżjed mill-figura li tidher taħt it-tielet kolonna ta' l-imsemmija Parti II relattivament għall-kategorija li għaliha tirriferi t-talba;

u għall-finijiet ta' dawn il-provisos —

(i) meta persuna tkun ingħatat permess li tħallas kontribuzzjoni tat-tieni klassi bir-rata ta' xi waħda mill-kategoriji barra minn dik imniżżla l-aħħar murija fl-ewwel kolonna ta' l-imsemmija Parti II jew tkun ingħatat permess li tibdel il-kategorija tagħha, ir-rata ta' kontribuzzjoni xierqa għall-kategorija l-ġdida tagħha għandha titħallas b'seħħ mid-data tat-talba tagħha jew minn dik id-data qabel li tiġi stabbilita mid-Direttur; u

(ii) meta persuna assigurata ma tkunx qed taħdem bi qligħ, kull pensjoni ma titqiesx li tagħmel parti mid-dħul nett totali tagħha;"; u

(ċ) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 5Ċ ta' l-Att prinċipali.

**6.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5Ċ ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "b'seħħ mid-data ta' applikazzjoni lid-Direttur," għandhom jidħlu l-kliem "fuq talba tagħha u b'seħħ minn dik id-data, li ma tkunx wara d-data ta' dik it-talba, li tiġi stabbilita mid-Direttur,".

Żieda ta' artikolu ġdid ma' l-Att prinċipali.

**7.** Minnufih wara l-artikolu 5Ċ ta' l-Att prinċipali għandu jidħol l-artikolu ġdid li ġej:

"5D. (1) Persuna li timpjega lilha nnifisha li għandha tħallas kontribuzzjoni tat-tieni klassi taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att barra minn dawk ta' l-artikolu 5B, u li tkun imqabbda minn persuna oħra biex tagħti servizz bħala ħaddiem ta' barra jew bħala gwida tat-turisti, ikollha dritt tirċievi mingħand dik il-persuna, b'żieda mar-rimunerazzjoni li jkollha titħallas lilha skond il-kondizzjonijiet tax-xogħol tagħha, ammont li jkun daqs parti minn sittax tar-rimunerazzjoni miftiehma għal dawk is-servizzi, li jmur bħala parti mill-kontribuzzjoni tat-tieni klassi li jitħallsu taħt dan l-Att minn dik il-persuna li timpjega lilha nnifisha:

Iżda l-ammont li għandu jitħallas taħt dan l-artikolu, sew minn persuna waħda jew iżjed, lil dik il-persuna li timpjega lilha nnifisha matul kull perijodu ta' erba' xhur li jagħlaq fl-aħħar Tnejn ta' April, Awissu jew Diċembru, m'għandux ikun iżjed b'kollox minn nofs il-kontribuzzjonijiet tat-tieni klassi li jitħallsu taħt dan l-Att minn dik il-persuna li timpjega lilha nnifisha dwar l-istess perijodu ta' erba' xhur.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "ħaddiem ta' barra" tfisser persuna li tkun imqabbda tagħti servizzi fil-manifattura fiżika ta' xi oġġett, li titħallas bl-imqieta, li taħdem fil-ħin tagħha u f'post li ma jkunx provdut mill-persuna li magħha tkun hekk imqabbda.".

Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

**8.** L-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-proviso għas-subartikolu (1) tiegħu għandu jitħassar; u

(b) fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (4) tiegħu, minnufih wara l-kliem "taħt l-artikolu 5A" għandhom jidħlu l-kliem "jew taħt l-artikolu 5B ta' dan l-Att".

9. L-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu —

(i) il-kliem "jew pensjoni għal invalidità" fil-paragrafu (a) tiegħu għandhom jitħassru;

(ii) minflok il-kliem "pensjoni minima nazzjonali; u" fil-paragrafu (a) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "pensjoni minima nazzjonali;";

(iii) minnufih wara l-paragrafu (b) tiegħu għandu jidħol il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) għal kull ġimgħa ta' kontribuzzjoni li għal kull ġurnata tagħha jkollha dritt jew kien ikollha dritt li kieku ma kenux id-disposizzjonijiet tas-sub-paragrafu (i) tal-paragrafu (a) tal-proviso għas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 16A ta' dan l-Att, għal pensjoni għal invalidità;";

(iv) minflok il-kliem "kontribuzzjoni għandha titħallas minnha jew f'isimha taħt l-artikolu ħamsa jew taħt l-artikolu ħamsa A" fil-proviso li hemm għalih, għandhom jidħlu l-kliem "kontribuzzjoni ta' l-ewwel klassi jew tat-tieni klassi titħallas minnha jew f'isimha taħt dan l-Att."; u

(b) fil-paragrafu (a) għas-subartikolu (3) tiegħu —

(i) il-kliem "pensjoni għal invalidità jew" fis-sub-paragrafu (ii) tiegħu għandhom jitħassru;

(ii) minflok il-kliem "fl-ewwel ġurnata ta' dik il-ġimgħa;" fis-sub-paragrafu (iii) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "fl-ewwel ġurnata ta' dik il-ġimgħa; jew"; u

(iii) minnufih wara s-sub-paragrafu (iii) għandu jidħol is-sub-paragrafu ġdid li ġej:

"(iv) jkollha dritt, jew kien ikollha dritt li kieku ma kenux id-disposizzjonijiet tas-sub-paragrafu (i) tal-paragrafu (a) tal-proviso għas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 16A ta' dan l-Att, għal pensjoni għal invalidità;";

10. L-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu (b) għas-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "*bonus* għal żwieġ" għandhom jitħassru;

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-figuri "£1431" għandhom jidħlu l-figuri "£1640", u

(ċ) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jitħassar.

11. Minflok l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

"11. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, persuna assigurata li tiżżewweġ u li, fid-data taż-żwieġ tagħha, tkun ħallset mhux inqas minn sitta u għoxrin kontribuzzjoni taħt dan l-Att u li ordinarjament tirrisjedi f'Malta, ikollha dritt, billi tagħti avviż bil-miktub lid-Direttur, li tirċievi bonus għal żwieġ.

(2) Sew jekk il-bonus għal żwieġ jitħallas sew jekk le, ma jittieħed ebda kont tal-kontribuzzjonijiet li tkun ħallset mara qabel id-data taż-żwieġ tagħha, dwar xi talba għal benefiċċju għal

mard, benefiċċju għal disimpieg jew benefiċċju speċjali għal disimpieg li ssir wara dik id-data.".

Emenda ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali.

**12.** L-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1A) tiegħu, il-kliem "pensjoni għal min jirtira, jew pensjoni miżjuda għal min jirtira jew", kull fejn jinsabu, għandhom jitħassru;

(b) minnufih wara s-subartikolu (1A) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1Ċ) Pensjoni ta' armla li titħallas taħt dan l-artikolu lil persuna 'l fuq mill-età ta' sittin sena għandha tkun bir-rata tal-pensjoni minima nazzjonali kalkolata fuq il-bażi tal-medja ta' kontribuzzjonijiet fis-sena stabbiliti dwar it-talba tagħha għal pensjoni ta' armla:

Iżda, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1A) ta' dan l-artikolu, jekk dik l-armla jkollha dritt għal pensjoni mingħand dak li qabel kien il-prinċipal tal-mejjet żewġha li b'xi mod ikollha x'taqsam ma' l-impieg tal-mejjet żewġha, id-differenza bejn ir-rata ta' pensjoni t'armla u l-pensjoni minima nazzjonali għandha titnaqqas bl-ammont tal-pensjoni li għandha dritt għaliha mingħand dak il-prinċipal;"; u

(ċ) fis-subartikolu (4A) tiegħu, minflok il-kliem "tal-mejjet żewġha." għandhom jidħlu l-kliem "tal-mejjet żewġha; u meta armla tingħata gratifikazzjoni mingħand dak li qabel kien il-prinċipal tal-mejjet żewġha li b'xi mod ikollha x'taqsam ma' l-impieg tal-mejjet żewġha, dik il-gratifikazzjoni għandha, għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, titqies li hi pensjoni fis-sena li tammonta għal ħamsa fil-mija ta' l-imsemmija gratifikazzjoni.";

(d) minnufih wara s-subartikolu (5) tiegħu għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(6) Armla li għandha dritt għal pensjoni ta' armla skond dan l-artikolu u li ma tkunx skwalifikata bid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 17B ta' dan l-Att u li żewġha (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-pensjonant mejjet") kellu fiż-żmien ta' mewtu — li ġiri wara l-21 ta' Jannar, 1979 — dritt għal pensjoni taħt l-artikolu 17 ta' dan l-Att jew kien ikollu hekk dritt li kieku ma kenux id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (i) tas-subartikolu (3) tiegħu, u li hi nnifisha —

(i) ma jkollhiex dritt għal pensjoni ta' superstiti taħt l-artikolu 100 ta' dan l-Att, jew

(ii) ma ikollhiex dritt għal pensjoni supplementari taħt is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, jew

(iii) ma tkunx qed tirċievi pensjoni mingħand prinċipal tal-pensjonant mejjet li b'xi mod ikollha x'taqsam ma' l-impieg tal-pensjonant mejjet,

ikollha dritt għal żieda fir-rata tal-pensjoni tagħha suġġetta għal u skond id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan is-subartikolu:

(a) meta l-pensjonant mejjet kien meqjus bħala persuna mpjegata, ir-rata ta' pensjoni li għandha titħallas lilha għandha tiżdied bl-ammont applikabbli muri taħt il-Parti II tad-Disa' Skeda li tinsab ma' dan l-Att jew b'dik il-parti minnha sabiex jiġi żgurat li r-rata ta' pensjoni tagħha miżjuda kif intqal qabel ma tkunx iżjed minn erba' partijiet minn disgħa ta' —

(i) il-paga jew is-salarju kurrenti tal-post okkupat mill-pensjonant mejjet minnufih qabel id-data ta' l-irtir tiegħu jew tal-post li fuqu tkun ingħatat pensjoni tas-servizz, jekk il-każ, skond liema minnhom ikun l-akbar, meta l-irtir tal-pensjonant mejjet ġara qabel it-22 ta' Jannar, 1979;

(ii) id-dħul pensjonabbli tal-pensjonant mejjet meta l-irtir tiegħu ġara wara l-21 ta' Jannar, 1979;

(b) meta l-pensjonant mejjet kien meqjus bħala persuna li timpjega lilha nnifisha, ir-rata ta' pensjoni li titħallas lilha għandha tiżdied bl-ammont applikabbli muri taħt il-Parti II tad-Disa' Skeda li tinsab ma' dan l-Att, hekk iżda li r-rata ta' pensjoni miżjuda kif intqal qabel ma għandhiex tkun iżjed minn żewġ terzi tar-rata ta' pensjoni ta' raġel miżżewweġ li l-pensjonant il-mejjet kien ikollu dritt għaliha kieku ma mietx;

(ċ) għall-finijiet tal-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu —

(i) "il-paga jew is-salarju kurrenti" imsemmi fis-sub-paragrafu (i) tiegħu għandu jitqies li hu dak kurrenti fl-ewwel Sibt tas-sena li dwarha jkollu jsir xi ħlas taħt dan l-artikolu;

(ii) "id-dħul pensjonabbli" imsemmi fis-sub-paragrafu (ii) tiegħu għandu jiġi sostitwit, b'effett mill-ewwel Sibt tas-sena li dwarha jkollu jsir xi ħlas taħt dan is-subartikolu bil-mod provdut bis-sub-paragrafu (a) tal-paragrafu (ii) tas-sub-artikolu (11) u bl-ewwel proviso għall-imsemmi subartikolu ta' l-artikolu 17 ta' dan l-Att; u

(iii) il-proporzjon ta' erba' partijiet minn disgħa msemmi fih għandu, meta l-medja fis-sena tal-kontribuzzjonijiet li ġiet stabbilita dwar it-talba ta' l-armla għal pensjoni ta' armla tkun inqas minn ħamsin, jiġi multiplikat bil-proporzjon li dik il-medja fis-sena għandha ma' ħamsin u r-riżultat ta' dik il-multiplikazzjoni għandu jissostitwixxi l-imsemmi proporzjon ta' erba' partijiet minn sebgħa.".

Emenda ta' l-artikolu 16A ta' l-Att prinċipali.

**13.** Fis-sub-paragrafu (e) tal-proviso għas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 16A ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "fis-sub-paragrafi (i), (ii) u (iii)" għandhom jidħlu l-kliem "tal-paragrafu (a)" u minflok il-kliem "l-ewwel proviso" għandhom jidħlu l-kliem "l-aħħar proviso".

Emenda ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali.

**14.** L-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att persuna assigurata jkollha dritt għal pensjoni għal min jirtira jew għal pensjoni miżjuda għal min jirtira jew għal pensjoni minima nazzjonali b'effett mid-data ta' l-irtir tagħha jekk —

(a) fid-data ta' l-irtir tagħha tissodisfa l-kondizzjonijiet tal-kontribuzzjoni relattivi; u

(b) tagħmel talba għaliha fi żmien sitt xhur minn dik id-data:

Iżda jekk ma tagħmilx talba fi żmien sitt xhur mill-irtir tagħha l-pensjoni għandha titħallas b'effett mill-ġurnata li fiha ssir it-talba.";

(b) minflok is-subartikolu (1A) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1A) Persuna assigurata taħt l-età ta' 65 tkun skwalifikata milli tirċievi pensjoni għal kull perijodu li matulu tkun qed taħdem bi qliegħ jekk tonqos li tipprova li l-qliegħ tagħha minn dak ix-xogħol ma jkunx iżjed minn £30 f'kull perijodu ta' erba' ġimgħat jew £97.50 għal kull perijodu ta' tlettax-il ġimgħa:

Iżda ma jiġi kalkolat ebda qliegħ li jinkiseb minn persuna bħala membru ta' xi bord, kumitat, kummissjoni jew kunsill imwaqqaf minn jew taħt xi liġi jew dawk il-klassijiet ta' qliegħ li l-Ministru jista', b'ordni, jiddikjara.";

(ċ) minnufih wara l-proviso għas-subartikolu (11) tiegħu għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll, għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, l-ammont li jissostitwixxi d-dħul pensjonabbli għandu jkun ikbar mill-ammont li jissostitwixxi d-dħul pensjonabbli meta tkun saret l-istima mill-ġdid ta' qabel bis-somma li ma tkunx inqas minn dik tat-total ta' żidiet fil-paga li bil-liġi ngħataw b'mod ġenerali dwar il-perijodu li jiġu minnufih wara l-imsemmija stima mill-ġdid; u meta stima mill-ġdid issir għall-ewwel darba, l-ammont li jissostitwixxi d-dħul pensjonabbli ta' persuna għandu jkun ikbar mid-dħul pensjonabbli tagħha b'mhux inqas mit-total taż-żidiet fil-paga kif intqal qabel dwar il-perijodu li jaħbat wara d-data ta' l-irtir tagħha."; u

(d) is-subartikolu (12) tiegħu għandu jitħassar.

Żieda ta' artikolu ġdid ma' l-Att prinċipali.

**15.** Minnufih wara l-artikolu 17B tal-liġi prinċipali għandhom jiżdiedu l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Żieda fil-pensjoni.

17Ċ. (1) Persuna li għandha dritt għal pensjoni minima nazzjonali skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 17 u li m'hijiex skwalifikata taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 17B ta' dan l-Att ikollha dritt għal żieda fir-rata tal-pensjoni tagħha salvi u skond id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu.

(2) Meta dik il-persuna titqies bħala persuna mpjegata, ir-rata ta' pensjoni tagħha għandha tiżdied —

(a) fil-każ ta' raġel miżżewweġ, bl-ammont applikabbli skond il-Parti I tad-Disa' Skeda li tinsab ma' dan l-Att, jew b'dik il-parti minnu hekk li jiġi żgurat li r-rata ta' pensjoni tagħha miżjuda kif intqal qabel ma tkunx iżjed minn żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli tagħha;

(b) fil-każ ta' kull persuna oħra, bl-ammont applikabbli skond l-imsemmija Parti I tad-Disa' Skeda.

(3) Meta dik il-persuna titqies bħala persuna li timpjega lilha nnifisha, ir-rata ta' pensjoni tagħha għandha tiżdied — jekk ma tkunx raġel miżżewweġ — bl-ammont applikabbli skond il-Parti I tad-Disa' Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(4) Għall-finijiet tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu —

(a) "id-dħul pensjonabbli" għandu jiġi sostitwit b'effett mill-ewwel Sibt tas-sena li dwarha jkollu jsir xi ħlas taħt dan l-artikolu, bil-mod provdut bis-sub-paragrafu

(a) tal-paragrafu (ii) tas-subartikolu (11) u bl-ewwel proviso għall-imsemmi subartikolu (11) ta' l-artikolu 17 ta' dan l-Att;

(b) il-proporzjon ta' żewġ terzi għandu, meta l-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet stabbiliti dwar it-talba għall-pensjoni taħt l-artikolu 17 ta' dan l-Att tkun inqas minn ħamsin, ikun multiplikat bil-proporzjon li dik il-medja fis-sena għandha għal ħamsin, u r-riżultat ta' dik il-multiplikazzjoni għandu jissostitwixxi l-imsemmi proporzjon ta' żewġ terzi.

Pensjoni ma titnaqqasx.

17D. Ebda pensjoni, li titħallas lil persuna taħt is-subartikolu (6) ta' l-artikolu 16, l-artikolu 16A, 17 jew 17Ċ jew taħt il-Parti IX ta' dan l-Att, ma għandha titnaqqas minħabba xi żieda, li tibda b'effett minn wara li dik il-persuna jkollha dritt għal pensjoni kif intqal qabel, fl-ammont li għandu jitħallas lil dik il-persuna bħala pensjoni tas-servizz jew, ta' armla, bħala pensjoni mingħand prinċipal tal-mejjet żewġha li jkollha x'taqsam ma' l-impieg tal-mejjet żewġha.".

Emenda ta' l-artikolu 25 ta' l-Att prinċipali.

16. Fis-subartikolu (4A) ta' l-artikolu 25 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "tal-mejjet żewġha." għandhom jidħlu l-kliem "tal-mejjet żewġha; u meta armla tkun ingħatat gratifikazzjoni mingħand prinċipal ta' qabel tal-mejjet żewġha li b'xi mod ikollha x'taqsam ma' l-impieg tal-mejjet żewġha, dik il-gratifikazzjoni għandha, għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, titqies li hi pensjoni fis-sena li tammonta għal ħamsa fil-mija ta' l-imsemmija gratifikazzjoni.".

Emenda ta' l-artikolu 32 ta' l-Att prinċipali.

17. L-artikolu 32 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) l-artikolu għandu jiġi numerat mill-ġdid bħala subartikolu (1) tiegħu; u

(b) minnufih wara, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Persuna li għaliha japplika l-paragrafu (i) ta' l-artikolu 4A ta' dan l-Att, u li tkun ħallset xi kontribuzzjoni tat-tieni klassi wara l-1 ta' April, 1978 ikollha dritt, meta tagħmel applikazzjoni lid-Direttur mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru, 1981, għall-ħlas lura ta' l-ammont ta' kontribuzzjonijiet hekk imħallsa kemm-il darba ma ġietx bi dritt għal xi benefiċċju jew *allowance* taħt dan l-Att wara l-1 ta' April, 1978.".

Emenda ta' l-artikolu 33 ta' l-Att prinċipali.

18. Minflok il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 33 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(b) benefiċċju ta' mard, disimpieg, speċjali ta' disimpieg, inkapaċità u korriment għal xi perijodu li matulu tkun nieqsa minn Malta kemm-il darba —

(i) ma tkunx nieqsa waqt impieg tax-xorta kif deskritt fil-paragrafu 2 tal-Parti I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att; jew

(ii) fil-każ ta' benefiċċju għal mard, għal inkapaċità u għal korriment ma tkunx nieqsa għal kura barra minn Malta taħt il-patroċinju tal-Gvern.".

Emenda ta' l-artikolu 41 ta' l-Att prinċipali.

19. Fil-proviso (aa) ta' l-artikolu 41 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "benefiċċju għal mard" għandhom jidħlu l-kliem "jew benefiċċju għal maternità taħt il-Parti X ta' dan l-Att.".

Emenda ta' l-artikolu 48 ta' l-Att prinċipali.

**20.** Fl-artikolu 48 ta' l-Att prinċipali, il-kliem "tad-Dipartiment" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 54 ta' l-Att prinċipali.

**21.** Minnufih wara s-subartikolu (7) ta' l-artikolu 54 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(8) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, avviż mid-Direttur lil xi prinċipal li juri n-numru u l-ammont ta' kontribuzzjonijiet li dak il-prinċipal ikun naqas jew ittraskura li jħallas ikun, sakemm ma jiġix ippruvat kuntrarju, prova biżżejjed li l-ammont muri fuq l-imsemmi avviż huwa l-ammont li għandu jitħallas lid-Direttur mill-prinċipal.".

Emenda ta' l-artikolu 55 ta' l-Att prinċipali.

**22.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 55 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "mitt lira" għandhom jidħlu l-kliem "ħames mitt lira".

Emenda ta' l-artikolu 60 ta' l-Att prinċipali.

**23.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 60 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "tliet snin" għandhom jidħlu l-kliem "ħames snin".

Żieda ta' artikolu ġdid 69B ta' l-Att prinċipali.

**24.** Minnufih wara l-artikolu 69A ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"*Bonus.*

69B. (1) F'dan l-artikolu, *bonus* tfisser ħlas, bir-rata ta' £50, li jkun dovut kull sitt xhur, matul ix-xhur ta' Ġunju u Diċembru.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, kull persuna li, f'xi ġurnata f'xi xahar ta' Ġunju jew Diċembru, għandha dritt tirċievi pensjoni, benefiċċju jew *allowance* li titħallas taħt l-artikolu 16, 16A, 17, 17A, 18 jew 25 ta' dan l-Att, jew pensjoni għal inkapaċità taħt l-artikolu 24 ta' dan l-Att stmata bħala 100 fil-mija, jew pensjoni taħt il-Parti IX ta' dan l-Att, ikollha wkoll dritt, kemm-il darba d-dritt tagħha għal dik il-pensjoni jew għal dak il-benefiċċju jew għal dik l-*allowance* ma jkunx biss dovut minħabba t-tħaddim tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 33A jew 99 ta' dan l-Att, li tirċievi *bonus* matul dak ix-xahar.

(3) *Bonus* li għandu jitħallas lil raġel miżżewweġ taħt dan l-artikolu għandu jinqasam indaqs bejnu u martu meta —

(a) jiġi muri għas-sodisfazzjon tad-Direttur li dak ir-raġel jonqos li jmantni lil martu; jew

(b) dak ir-raġel jew martu tkun daħlet *inmate* f'istituzzjoni msemmija fl-artikolu 33A jew 99 ta' dan l-Att u d-disposizzjonijiet ta' xi wieħed mill-imsemmija artikoli jkunu bdew japplikaw għalihom:

Iżda dan is-subartikolu ma japplikax jekk il-mara jkollha dritt għal *bonus* taħt dan l-artikolu fid-dritt tagħha.

(4) Il-*bonus* li jitħallas lil persuna taħt dan l-artikolu għandu jitnaqqas bl-ammont ta' kull *bonus* li dik il-persuna jkollha dritt li tirċievi mingħand xi prinċipal skond l-Att ta' l-1952 li jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, dwar kull parti mill-perijodu ta' sitt xhur li jispiċċa fl-aħħar jum ta' Ġunju jew ta' Diċembru, skond il-każ, meta l-*bonus* li għandu jitħallas taħt dan l-artikolu, ikun dovut:

Iżda meta jinħtieġ li jsir qsim taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, l-ammont ta' kull *bonus* li r-raġel għandu dritt jirċievi skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1952 li jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, kif intqal qabel, għandu jitnaqqas mill-*bonus* dovut lir-raġel taħt dan l-Att qabel ma jsir il-qsim tal-*bonus*.

(5) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, kull *bonus* li għandu jitħallas taħt dan l-artikolu lil xi persuna għandu jitnaqqas, dwar kull ġurnata — li tkun ġurnata fil-perijodu ta' sitt xhur li jispiċċa fl-aħħar ġurnata tax-xahar li matulu jkun dovut dak il-*bonus* — li dwarha xi ammont ikun dovut lil persuna jew lil mart dik il-persuna skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 33A jew 99 ta' dan l-Att, kif ġej:

(i) fil-każ ta' persuna li għandha dritt għal nofs tal-*bonus* taħt is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, bl-ammont li jirriżulta mill-multiplikazzjoni ta' nofs ir-rata tal-*bonus* imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u 0.0033; u

(ii) fil-każ ta' kull persuna oħra bl-ammont li jirriżulta mill-multiplikazzjoni tar-rata tal-*bonus* imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u 0.0033.

(6) L-ammont imnaqqas mill-*bonus* skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu għandu jitħallas lill-Kumitat dwar Għajnuna Soċjali mwaqqaf taħt l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali.".

**25.** Fl-artikolu 76 ta' l-Att prinċipali minflok il-figuri "250", "200" u "130" għandhom jidħlu rispettivament il-figuri "310", "245" u "155". **Emenda ta' l-artikolu 76 ta' l-Att prinċipali.**

**26.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 82 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "jkunu jgħixu flimkien" għandhom jidħlu l-kliem "jew lill-omm jekk tissodisfa lid-Direttur li l-interessi ta' dak it-tifel jew tifla jew persuna hekk jeħtieġu.". **Emenda ta' l-artikolu 82 ta' l-Att prinċipali.**

**27.** Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 90 ta' l-Att prinċipali, minflok il-figuri "£548" għandhom jidħlu l-figuri "£630". **Emenda ta' l-artikolu 90 ta' l-Att prinċipali.**

**28.** L-artikolu 91 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: **Emenda ta' l-artikolu 91 ta' l-Att prinċipali.**

(a) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-figuri "£22.88", "£27.45" u "£46.62" għandhom jidħlu rispettivament il-figuri "£26.88", "£30.75" u "£86.53"; u

(b) minflok is-subartikolu (4) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Meta persuna assigurata jkollha dritt għarrata sħiħa ta' pensjoni kieku ma kienx għall-fatt li l-medja fis-sena ta' ħamsin kontribuzzjoni meħtieġa bis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu ma tkunx sodisfatta, dik il-persuna xorta waħda jkollha dritt, jekk l-imsemmija medja ma tkunx inqas minn ħmistax, għal pensjoni mnaqqsa; u sabiex tiġi stabbilita dik il-pensjoni mnaqqsa l-proporzjon ta' żewġ terzi msemmi fis-subartikoli (1) u (3) ta' dan l-artikolu għandu jiġi multiplikat bil-proporzjon li dik il-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati (barra minn dawk akkreditati taħt l-artikolu 9 ta' dan l-Att fil-waqt li l-persuna assigurata

kellha dritt għal pensjoni taħt l-artikolu 16A ta' dan l-Att) għandha għal 50, u r-riżultat ta' dik il-multiplikazzjoni għandu jissostitwixxi l-imsemmi proporzjon ta' żewġ terzi.".

Emenda ta' l-artikolu 96 ta' l-Att prinċipali.

**29.** Minnufih wara t-tieni proviso għas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 96 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll, għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, l-ammont li jissostitwixxi d-dħul pensjonabbli għandu jkun ikbar mill-ammont li jissostitwixxi d-dħul pensjonabbli meta tkun saret ir-reviżjoni ta' qabel bis-somma li ma tkunx inqas minn dik tat-total ta' żidiet fil-paga li bil-liġi ngħataw b'mod ġenerali dwar il-perijodu li jiġi minnufih wara l-imsemmija reviżjoni; u meta reviżjoni ssir għall-ewwel darba, l-ammont li jissostitwixxi d-dħul pensjonabbli ta' persuna għandu jkun ikbar mid-dħul pensjonabbli tagħha b'mhux inqas mit-total taż-żidiet fil-paga kif intqal qabel dwar il-perijodu li jaħbat wara d-data ta' l-irtir tagħha.".

Emenda ta' l-artikolu 97 ta' l-Att prinċipali.

**30.** Minflok il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 97 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(b) fil-każ ta' persuna li għandha titqies bħala persuna li timpjega lilha nnifisha, il-figura li tidher fit-tielet kolonna tal-Parti II tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att relattivament għall-kategorija ta' kontribuzzjoni l-aħħar imħallsa minnha skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att; u għall-fini ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-partita (a) tas-sub-paragrafu (ii) tal-paragrafu (b) tat-tifsira ta' "dħul pensjonabbli" fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' dan l-Att.".

Emenda ta' l-artikolu 98 ta' l-Att prinċipali.

**31.** Minflok il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 98 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(b) fil-każ ta' persuna li, fiż-żmien minnufih qabel saret invalida, kienet persuna li timpjega lilha nnifisha, il-figura li tidher fit-tielet kolonna tal-Parti II tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att relattivament għall-kategorija ta' kontribuzzjoni l-aħħar imħallsa minnha skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att; u għall-fini ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-partita (a) tas-sub-paragrafu (ii) tal-paragrafu (b) tat-tifsira ta' "dħul pensjonabbli" fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' dan l-Att.".

Emenda ta' l-artikolu 100 ta' l-Att prinċipali.

**32.** Fis-subartikolu (9) ta' l-artikolu 100 ta' l-att prinċipali, minflok il-figuri "£548" għandhom jidħlu l-figuri "£630".

Żieda ta' Parti ġdida ma' l-Att prinċipali.

**33.** Minnufih wara l-artikolu 101 ta' l-Att prinċipali għandha tidħol il-Parti ġdida li ġejja:

"PARTI X

Tifsir.

102. F'din il-Parti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, "benefiċċju" tfisser il-benefiċċju għal maternità msemmi fl-artikolu 103 li jitħallas skond id-disposizzjonijiet ta' din il-Parti.

Benefiċċju għal Maternità.

103. (1) Mara li, f'xi żmien fl-1 jew wara l-1 ta' Jannar, 1981 tkun tqila b'tarbija u tkun daħlet fit-tmien xahar tat-tqala jkollha dritt għal benefiċċju taħt u skond id-disposizzjonijiet ta' din il-Parti.

